14 ta' Diċembru, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Salvatore Farrugia

**"Ragion Fattasi" — Piena — Fedina Penali — Art. 84 tal-Kodiċi Kriminali**

*L-elementi kostituttivi tar-reat ta' eżerċizju arbitrarju ta' pretensjonijiet ("ragion fattasi") huma erbgħa, u ċjoè:— (1) Att estern li jispolja lil ħadd ieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi, u li jkun eżegwit kontra l-oppożizzjoni, espressa jew preżunta, ta' dan il-ħadd ieħor; (2) Il-kredenza li l-att qiegħed isir b'eżerċizzju ta' dritt; (3) Il-koxjenza fl-agent li hu qiegħed jagħmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir per mezz tal-awtorità publika; (4) Nuqqas ta' titolu, li jirrendi l-fatt aktar gravi.*

*Mhux eżatt li jingħad li l-integrazzjoni ta' dan ir-reat tippostula xi użurpazzjoni ta' funzjoni publika partikulari, f'sens ristrett. Ir-rekwiżiti tiegħu ma jmorrux aktar l-hemm minn dawk fuq indikati; però hu fatt li min jagħmel att li bih ikun qiegħed jieħu l-liġi f'idejh, b'daqshekk ikun qiegħed jużurpa f'sens ġenerali funzjoni li tmiss biss lill-awtorità ġudizzjarja.*

*Fedina penali ma tistgħax titqies mill-Qorti għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-piena, jekk il-kontenut tagħha jkun kontrastat mill-imputat.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni tal-Pulizija kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli f'dan l-aħħar xahar, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, għamel pussess tad-dwejra li qegħedha fl-għalqa "taż-Żebbuġa", limiti taż-Żurrieq, proprjetà ta' Ausonio Caruana, billi fetaħha u poġġa l-għodda tar-raba' ġo fiha;

u talli, barra minn dan, għalaq il-mogħdija tal-istess għalqa bil-ġebel;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-11 ta' Ottubru 1957, li biha kkundannatu għal 32 ġurnata priġunerija;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-imputazzjoni hi taħt l-art. 84 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 12 Ediz. Riv.;

Dan l-artikolu hu, in sostanza, konkordanti mal-art. 168 tal-Liġijiet Penali li kienu allura viġenti fid-Due Sicilie, u għalhekk l-istudju tiegħu jista' jiġi aġevolment bażat fuq il-kommentaturi ta' dan l-artikolu, li serva ta' mudell, bħal Herfeld, dissert. 21 "de violenta rerum nostrarum defensione", bħal Puttman, "Elementa" para. 188, u oħrajn. Hu ċert (ara Carrara, Progr. Vol. V, para. 2850) li l-elementi kostitutivi tiegħu huma erbgħa, ċjoè (1) att estern li jispolia lil ħadd ieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi, u li jkun eżegwit kontra l-oppożizzjoni, espressa jew preżunta, ta' dan il-ħadd ieħor; (2) il-kredenza li l-att qiegħed isir b'eżerċizzju ta' dritt — għalhekk ir-reat jissejjaħ "eżerċizzju arbitrarju ta' pretensjonijiet", jew, aktar komunement u grafikament, "ragion fattasi"; (3) il-koxjenza fl-aġent li hu qiegħed jagħmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir per mezz tal-awtorità publika; (4) u nuqqas ta' titolu, li jirrendi l-fatt aktar gravi;

Dawn ir-rekwiżiti jikkonkorru kollha kemm huma fil-fatt li ġie pruvat a kariku tal-appellant. Meta hu qiegħed il-furkettun u l-imgħasqa fid-dwejra ta' ħadd ieħor, hu għamel att estern vjolativ tal-pussess ta' ħadd ieħor; u l-preċedenti kollha tal-każ, kif aċċertat bix-xhieda ta' Ausonio

Caruana, juru li l-appellant ma setgħax ma jkunx jaf li l-att tiegħu kien kontra l-oppożizzjoni preżunta ta' dan Caruana. Hu veru li l-għalqa qegħedha tinħadem minn Inguanez, imma l-mod illi biħ dan Inguanez irrisponda lill-appellant meta dan kellmu dwar l-għodda fuq imsemmija, urew ċar li Inguanez ma kienx qiegħed jakkonsenti affattu, u ried li l-att ikun interament għar-riskju u għar-responsabbilità tal-appellant. Il-provi juru li l-appellant ma riedx jikkommetti fatt aktar gravi minn dak li jeżerċita xi dritt li hu jippretendi għad-detenzjoni tal-għalqa. Fl-aħħarnett, iċ-ċirkustanzi kollha jikkonkorru biex il-ġudikant jirritjeni li kien hemm indubbjament fl-appellant, fil-waqt tal-att, il-koxjenza li hu kien qiegħed jagħmel, bl-awtorità tiegħu privata, dak li, se maj, kellu jfittex per vija legali;

Mhux eżatt li jingħad li l-integrazzjoni ta' dan ir-reat tippostula xi użurpazzjoni ta' funzjoni publika partikulari, f'sens ristrett. Ir-rekwiżiti tiegħu ma jmorrux aktar l-hemm minn dawk fuq indikati; però hu fatt li min jagħmel att li biħ ikun qed jieħu l-liġi f'idejħ, b'daqshekk ikun qiegħed jużurpa f'sens ġenerali funzjoni li tmiss biss lill-awtorità ġudizzjarja;

Ikkunsidrat, dwar il-piena;

Il-proviso tal-art. 84 jagħti fakoltà lill-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, li minflok il-piena tal-priġunerija tagħti l-piena tal-multa. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li l-fatt hu talment gravi li tistħoqq piena ta' priġunerija. Il-Prosekuzzjoni, fuq daqshekk, irrikjamat l-attenzjoni tal-Qorti għall-fedina penali tal-imputat, eżibita fl-inkartament. Iżda l-kontenut ta' dik il-fedina penali ġie kuntrastat mid-difiża (ara verbal fol. 19); u b'dak il-kuntrast, stante id-deċiżjoni mogħtija mill-Imħallef Dr. (il-lum Sir) Philip Pullicino, sedenti f'din il-Qorti, fil-kawża "Polizia vs. Camilleri", 14 ta' Diċembru 1929, din il-Qorti ma tistgħax tqies dan id-dokument;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi, fil-meritu, tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Iżda, kwantu għall-piena, tneħħi dik tal-priġunerija, inflitta mill-Ewwel Qorti, u tissostitwixxi għaliha l-piena tal-multa ta' £15, li tista' titħallas żmien xahar mil-lum. U f'dan is-sens biss takkolji l-appell, u tirriforma s-sentenza appellata.